# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 635/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Steve MUSCAT (ID. Nru. 211983M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' erba' mija erbgha u sittin euro u hamsa u ghoxrin centezmi ta' euro [€464.25c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€464.25) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40190319 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 –

estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni.

Ra li fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 l-intimat deher, mhux assistit u ta' ruhhu b'notifikat bit-Talba u bl-avviz tas-smiegh.

Ra li l-intimat fl-istess seduta ddikjara bil-gurament tieghu li huwa ghandu jaghti l-ammont reklamat izda jitlob li jhallas b'rati mensili f'ammont ta' mhux aktar minn erbghin euro (€40) fix-xahar kull raba' jum tax-xahar. Ra li d-difensur tas-socjeta rikorrenti rrimetta ruhhu ghal din it-talba ta' l-intimat fl-istess seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2015.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-11 ta' Novembru, 2015 u li permezz taghha rriduciet it-talba bis-somma ta' erbghin euro (€40) stante li kien sar pagament akkont.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' erbgha mija erbgha u ghoxrin euro u hamsa u

ghoxrin centezmi ta' euro [€424.25c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40190319.

Ikkunsidra;

2. L-intimat ammetta t-talba tas-socjeta rikorrenti. L-intimat talab biss li huwa jinghata l-fakulta li jhallas dan l-ammont f'pagamenti mensili ta' erbghin euro (€40).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat. Ovvjament trid tittiehed in konsiderazzjoni n-nota ta' riduzzjoni mressqa llum stess.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erbgha mija erbgha u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmi ta' euro [€424.25c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-2 ta' Ottubru, 2014, d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali numru 2035/14 (fol. 7), sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimat fl-ammont ta' erbghin euro (€40) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-4 ta' Dicembru, 2015 u imbaghad kull raba jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F'kaz li l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru, 2014, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**